**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 43/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Peter Caruana**

Illum, is-16 ta' Jannar 2024

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Peter Caruana** ta' 41 sena, iben Carmelo u Josephine nee' Zarb li twieled gewwa Pieta' nhar is-11/06/1980, idikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz 15, Papillon, Dawret il-Wied, Mosta u detentur tal-karta tal-identita 444780M u akkuzatu talli:

Nhar il-25/01/2022 u fil-granet u, jew gimghat u, jew xhur ta' qabel gewwa Mgarr, Mosta u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer:

1. Ikkaguna lil martu Katia Carmen Caruana, fastidju meta gab ruhu b' mod li missu kien jaf li kien ged ikun tali fil-prezenza ta' minuri, tali fastidju sar b'mod li tammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi u li twettaq ripetutament;

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lil martu Katia Carmen Caruana, taghmel xi haga jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Peter Caruana a beneficju ta' Katia Carmen Caruana u il-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Katia Carmen Caruana jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Peter Caruana billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil Peter Caruana b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2022 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar is-16 ta' Jannar 2023 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

1. Fl-artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 251A (1) (a) (b) (2), 251AA, 251C, 251H (a) (b) (d), 251HA, 202 (h)(i)(j) u 222 (1) (a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 49 tal-Att biex jirregola Komunikazzionijiet Elettronici, Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li matul is-seduta tat-28 ta' Frar 2023 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar it-28 ta' Frar 2023.[4]

---

[1] Folio 19 ta' l-atti processwali
[2] Folio 156 ta' l-atti processwali
[3] Folio 159 ta' l-atti processwali
[4] Folio 159 ta' l-atti processwali

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-16 ta' Gunju 2023.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerni allegati atti ta' segwiment bil-mohbi u fastidju b'mezzi elettronici imwettqa mill-imputat Peter Caruana kontra martu Katia Caruana fil-25 ta' Jannar 2022 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel fil-kuntest ta' proceduri ta' separazzjoni personali.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2022 xehdet **il-parte civile Katya Carmen Caruana**[6]. Ix-xhud spjegat li hija l-mara tal-imputat u kienu ghaddejin minn proceduri ta'

[5] Folio 167 ta' l-atti processwali
[6] Fol. 28A – 43 tal-atti processwali

separazzjoni personali u ddikjarat li xorta wahda tixtieq tixhed kontro zewgha. Spjegat li kienu ilhom 17-il sena mizzewgin u f'Novembru 2021 iddecidiet li titlaq mid-dar u marret toqghod ghand ohtha fil-Mosta. Ghamlet ir-rapport li wassal ghall-proceduri odjerni fis-6 ta' Jannar 2022 minhabba li kien ghamel it-tlett xhur precedenti, sa minn Jannar 2022, jibghat hafna messaggi u jcempel. Sahansitra hedded li kien ser ipoggilha xi 'affarijiet' fil-karozza. Hija ma fehmitx ghal xiex kien qed jirreferi u ghalhekk bezghet u rrikorriet ghall-assistenza tal-Pulizija. Ibblokkjat ukoll in-numru tal-imputat sa ma spiccat bidlet ukoll in-numru taghha imma l-imputat sar jaf in-numru l-gdid ukoll. Gieli prova jikkomunika tramite t-tfal ukoll u gieli cempel 'unknown number'. Ix-xhud spjegat li ma kienx ikun hemm xi skop partikolari jew importanti ghal dawn it-telefonati imma biss biex jiffittaha biex tibqa' mieghu u hafna "paroli vojt" u "akkuzi li mhux veri". Iccarat ukoll li l-fastidju minn naha tal-imputat kien limitat ghal din il-komunikazzjoni mhux mixtieqa u ma kienx hemm aggressjoni fizika. Ipprezentat xi screenshots li jindikaw l-attentati ripetuti ta' komunikazzjoni minn naha tal-imputat. Eventwalment telqet minghand ohtha u kriet penthouse fl-Imgarr sabiex toqghod "ghall-kwiet". Ma kienitx tat l-indirizz lill-imputat u fil-fatt, in-numru ta' nies li kienu jafu bih kien limitat hafna u ghall-familja taghha. Meta sar jaf bl-indirizz tal-Imgarr, kien hemm okkazjoni fejn l-imputat mar fuq il-post u hedded li kien ser jitla' "bit-tower crane" u jikseb access ghall-penthouse. Kien hemm b'kollox zewg okkazjonijiet fejn l-imputat iffrekwenta l-vicinanzi tar-residenza l-gdida tal-parte civile u mar minkejja li ma kellu l-ebda konnessjonijiet mal-Imgarr.

Il-parte civile regghet hadet il-pedana fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2023[7] fejn stqarret bil-gurament illi hija tixtieq twaqqa' r-rapport li kienet ghamlet dwar

[7] Fol. 168-169 tal-atti processwali

l-okkorrenza odjerna u kkonfermat li dan il-pass qed tiehdu b'mod liberu u minghajr ma giet imgieghla minn hadd.

**L-Ispettur Eman Hayman** xehed fis-seduta tad-9 ta' Frar 2022[8] fejn spjega li waqt l-interrogazzjoni, l-imputat minn rajh ghaddhielu l-mowbajl tieghu u nehha l-password sabiex dan ikun jista' jigi accessat facilment. Il-mowbajl gie ezebit in atti.

Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2022[9], l-Ispettur Hayman spjega li kien dahal rapport fit-2 ta' Jannar 2022 mill-parte civile Katya Caruana li fl-24 ta' Dicembru ta' qabel, u cioe` 2021, l-imputat Peter Caruana, ir-ragel taghha, kien ghamel telefonati kontinwi u ukoll heddidha li ser jaghmlilha xi haga taht il-vann. Minn verifiki li kienu saru, ma rrizulta li kien hemm xejn taht il-vann izda l-parte civile giet gwidata sabiex taghmel rapport mat-Taqsima ta' kontra l-Volenza Domestika. Il-parte civile kienet ilmentat li l-imputat kien jibghat hafna messaggi u jipprova jcempel ta' spiss u kien hemm anke` okkazjoni fejn wara li kienet bidlet ir-residenza biex tevitah, baghtilha ritratt tar-residenza l-gdida waqt li kienet hemm. Ikkonferma li in segwitu ta' dan ir-rapport, il-Pulizija hadet azzjoni.

Fis-seduta tat-28 ta' April 2022 xehdet **Dr Katya Vassallo**[10] li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat Peter Caruana u ta' messaggi li hija ghamlet fuq inkarigu tal-Qorti.

Fl-istess seduta xehdu konguntament **Ryan Grima u Analise Livori Bonnici Mompalao**[11], *risk assessors* mal-Agenzija Appogg. Spjegaw li kienu tkellmu

[8] Fol. 44-45 tal-atti processwali
[9] Fol. 88-91 tal-atti processwali
[10] Fol. 55 tal-atti processwali
[11] Fol. 78-80 tal-atti processwali

mal-parte civile Katya Caruana u hadu l-verzjoni taghha, imbaghad wara li ppreparaw ir-rapport taghhom, ghaddewh lill-Pulizija.

Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2022 xehed **Dr Martin Bajada**[12], espert nominat mill-Qorti, li halef u pprezenta r-relazzjoni li huwa ghamel fuq inkarigu tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

L-artikolu 251A(1)(a)(b) jghidu:

*251A. (1) Persuna li:*

*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*

*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun tafli dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew*

Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza talqrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il- fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l- Appelli Kriminali fil-kawza flismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha*

[12] Fol. 158 tal-atti processwali

*b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies flisfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" [21.6.07] :- ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna.*

*("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda lohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

*Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a "course of conduct" (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L- Proskezzjoni flakkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Cachia) Vs Massimo Tivisini'** gie meqjus:

*'Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit- test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa fil-waqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar- reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l- ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir- rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.*

*F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil- ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-"intimacy seekers" li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta' mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-"erotomanic stalkers" li jemmnu li l- vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta' stalker hu dak tal- "incompetent suitor" li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta' inadekwatezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal- "predatory stalker" li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta' xi tip ta' attakk sesswali.*

*Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*

*Illi mix-xiehda ta' Camilleri kif gja intqal jirrizulta wkoll li dawn l-incidenti tal-1 ta' Settembru, 2008 ma kienux ta' darba jew kaz izolat imma kienu preceduti minn ohrajn fejn l-appellant sahansitra kien processat u nstab hati ta' sekwestru w fastidju fil-konfront ta' Camilleri. Minkejja l- kundanni li ssubixxa, jidher li l-appellant ftit li xejn ta widen ghall-provvedimenti ta' sentenzi sospizi w garanzija imposti fuqu biex ma jkomplix jaghmel dan. Dan hu kaz klassiku ta' "rejected stalker" u dan hu proprju l-agir li fil- fehma ta' din il-Qorti, trid tipprojbixxi w tippunixxi l-ligi bl- artikoli l-godda fuq imsemmija introdotti fil-Kodici Kriminali bl-Att XX tal2005.*

*Ghalkemm l-appellant fir-rikors tal-appell jissottometti li hi haga naturali li hu jitlob spjegazzjoni minnghand l-ex- amanti tieghu talli hallietu, din il-Qorti ma tistax - f' dan il- kaz - tissimpatizza b' xi mod ma din it-tezi tal-appellant li hass ruhu "jilted", dizappuntat,jew dizilluz u mwegga' bl- agir tal-ex-amanti tieghu. Dan hu ragel matur ta' erbghin sena, mizzewweg u b' mara tigri warajh ghall- manteniment - kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu - w mhux xi guvni ta' eta' tenera mimli bl-ideali w illuzjonijiet giovanili dwar l-imhabba. Ghalhekk ma tistax ma tqisx li l- agir tieghu kien jikkostitwixxi fastidju fis-sens tal-ligi.'*

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi fl-atti hemm ezebita l-istqarrija awdjo-viziva tal-imputat flimkien ma traskrizzjoni taghha[13]. Din l-istqarrija ittiehdet mill-Ispettur Eman Hayman fil-prezenza ta' PC 758 Andy Borg wara li ikkonsulta mal-Avukat tal-ghazla tieghu Dr Kris Busietta. Ikkonferma li l-parte civile Katia Caruana hija l-mara tieghu u li maghha ghandu tlett itfal u li fiz-zmien relevanti kienu ghaddejin proceduri ta' separazzjoni personali bejniethom. Il-parte civile kienet allontanat mid-dar matrimonjali. Ghazel li ma jwiegibx ghad-domanda kif sab ir-residenza l-gdida

[13] Fol. 63-77 tal-atti processwali

tal-parte civile fl-Imgarr. Ikkwalifika li kien necessarju li jaghmel xi forma ta' kuntatt mal-parte civile minhabba li apparti li mizzewgin, hija kienet involuta ukoll fin-negozju ta' kostruzzjoni li huwa ghandu sahansitra bhala Direttur u kienet tiehu hsieb ix-xoghol tal-*back office* kollu. Gara li meta beda jberraq fiz-zwieg, il-parte civile ittraskurat ghal kollox l-affari tan-negozju u dan, kif spjega l-imputat, holoq hafna problemi specjalment fejn jidhlu taxxa, VAT u pagamenti. Il-problemi kibru minhabba li l-parte civile fettlilha tnehhi l-linja tal-mowbajl li kellha u ghalhekk, in-nies kollha li riedu sodisfazzjon minghandha fuq affarijiet tax-xoghol spiccaw icemplu lill-imputat. Ghalhekk ukoll kien anke` prova jaghmel kuntatt maghha tramite l-mowbajl tat-tfal. Afferma li huwa ma ghamel xejn b'intenzjoni hazina u li "mhux bniedem t'hekk zgur".

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Illi minn ezami tat-traskrizzjoni tar-*recordings* li ttiehdu minn Dok EH6 li saru mill-espert mahtur jirrizulta li kien sensiela ta' telefonati li saru mill-imputat ghall-parte civile mill-15 ta' Jannar 2022 ghal certu granet wara. F'dawn ir-recordings jirrizulta li l-imputat kien qed jipprova jaghmel kuntatt ripetut u kontinwu mal-parte civile ghall-diversi ragunijiet varjati fil-maggior parti relatati max-xoghol u n-negpzju ta' bejniethom.

Minn l-istess traskrizzjonijiet irrizulta wkoll li kien hemm messaggi mill-imputat lil-binthom fejn jitlobha sabiex twassal messagg lil ommha sabiex tkellmu. Fl-istess telefonati jirrizulta li l-imputat baqa jippersisti sabiex ikellem lill-parte civile u meta ma kienx qed jithalla beda jigdeb id-dagha bil-Madonna. Madankollu l-prosekuzzjoni ma ressqitx ill-persuna Rihana sabiex tikkonferma l-komunikazzjoni li saret bejniethom.

Minn ezami ta' l-istqarrija jirrizulta li l-imputat ma rridx jikkonferma kif sar jaf l-indirizz il-gdid tal-parte civile.

Illi waqt l-istqarrija l-imputat jindika li jixtieq li jerga jikkonsulta ma l-avukat tieghu izda l-ispettur baqa ghaddej bl-interrogazzjoni. Jirrizulta wkoll li l-imputat jinforma lis-Spettur dwar allegazzjoni kontra l-parte civile li l-Ispettur stess jikkonferma li ma kienx jaf b'dawn il-fatt u provi godda. Fil-fatt l-Ispettur investigattiv jispicca sabiex jissosspendi l-istqarrija sabiex l-imputat ma jinkriminax lilu nniffsu potenzjalment jew *"npoggi f'sitwazzjoni kerha lil Peter Caruana"*.

Illi mix-xhieda ta' Ryan Grima u Analise Livori Bonnici Mampaloa jirrizulta li sar *assessment* minn naha taghhom dwar il-livel ta' riskju li kienet soggett ghalih il-parte civile fejn irrizulta li l-livell kien 17 u b'hekk ikkunsidrat gholi. Madankollu l-prosekuzzjoni naqqset milli tella bhala xhieda l-membri l-ohra tal-familja li fuqhom kien sar l-ezami.

Il-pulizija esebiet ukoll sensiela ta' messaggi li saru da parti ta' l-imputat. Madankollu dawn il-messaggi la jindikaw id-data meta saru jew lil minn gew indirizzati u hemm nieqes il-konversazzjoni shiha kif saret. Il-prosekuzzjoni naqqset ukoll milli tindirizza din il-prova mal-parte civile sabiex tikkonfermahom u tipprovdi informazzjoni dwarhom u l-kuntest taghhom.

Illi mir-rapport ta' l-espert Dr. Martin Bajada gie ikkonstatat li l-utent taz-zewg MSISDNs huma ta' PKR Construction Co Ltd, il-Mosta. Madankollu l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq prova ta' minn huwa s-sid jew diretturi ta' din il-kumpannija.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi

prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxilihiex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat u ghalhekk sejra tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 251A (1) (a) (b) (2), 251AA, 251C, 251H (a) (b) (d), 251HA, 202 (h)(i)(j) u 222 (1) (a) 382A, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 49 tal-Att biex jirregola Komunikazzionijiet Elettronici, Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil Peter Carauna **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum nhar is-16 ta' Jannar 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**